MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru 841/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Brian Spiteri**

**Illum, 19 ta' Settembru 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brian Spiteri ta' 35 sena, iben Alfred u Mary xebba Sant, imwieled Hal Tarxien nhar it-13 ta' Marzu 1969 u residenti 231, Victory Street, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` numru 148269(M):

a) Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fid-29 ta' Awwissu 2004 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmi reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lill-minuri jew lill-persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi ai termini tal-Artikolu 22(2) sub-inciz II tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikitament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, specifikatament karozza tat-tip Subaro J10 bin-numru ta' registrazzjoni DAK 148

> proprjeta` tal-kumpanija Autorentals Co. Ltd., liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500). U dan kollu bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta wkoll mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u datata 19 ta' Novembru 1999, fejn huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannat ghal sentenza ta' sentejn prigunerija, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2005, xehed **l-Ispettur Dennis Theuma**[1], li qal illi fis-sighat bikrin ta' filghodu tad-29 ta' Awwissu 2004, wara li l-pulizija rceviet

[1] A fol. 11 sa 13A tal-process.

informazzjoni kunfidenzjali, PS 536 Caruana, PC 579 Micallef, PC 213 Borg u PC 1213 Axisa, inghataw struzzjonijiet sabiex isibu, josservaw u jekk ikun il-kaz, iwaqqfu lill-imputat. Huwa xehed dwar dak li gie rrappurtat lilu u pprezenta *inter alia* l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, wara li huwa nghata s-solita twissija vigenti skond il-ligi dak iz-zmien, fil-presenza ta' PC 706 Norman Cremona, li da parti tieghu kkonferma li kien xhud tal-istess stqarrija, li l-imputat inghata d-debita twissija qabel din ittehditlu u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess.[2] L-Ufficjal Prosekutur esebixxa wkoll dokument, konsistenti f'kaxxa zghira tal-*plastic* ta' kulur ahdar, misjuba fil-vettura tal-imputat, li skond l-istess xhud, fiha kien hemm madwar sitt iqratas b'sustanza allegata droga eroina u bott tal-*plastic* misjub fir-residenza tal-istess imputat bi tracci ta' sustanza kannella, wkoll allegatament droga eroina.

Fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Settembru 2005, **PS 536 Jason Caruana**[3] qal illi fid-29 ta' Awwissu 2004, xi s-7.00 a.m., kienu qeghdin fl-inhawi tad-*Detox* fejn raw vettura HAC 667 Toyota Corolla. Huma saqu wara din il-vettura, dahlu fil-*parking area* ta' fejn id-*Detox*, hargu mill-vettura u marru fuq l-imputat, f'liema waqt l-istess imputat irriversja lura fuq il-vettura tal-kiri – DAK 149 - li kienet qed tigi misjuqa mill-pulizija u ghamel xi hsara f'din il-vettura. Meta saret tfittxija fil-vettura, fuq id-*dashboard*, instab kontenitur tal-*plastic* ahdar, li gewwa fih kien hemm sitt iqratas bi trab kannella mahsub eroina u izjed tard saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, minn fejn gie elevat bott ta' kulur abjad. Ix-xhud gharaf il-kontenitur u l-bott esebiti bhala Dok. DT2, bhala l-oggetti li nstabu fil-vettura u fir-residenza tal-imputat, kif inghad.

Ix-xhud spjega li huwa kien l-ewwel wiehed li wasal fuq l-imputat u li mar min-naha tal-istess imputat u cioe` min-naha tax-xufier. Qal illi huwa kellu l-*ID card* f'idejh u wrieha lill-imputat u qallu 'pulizija', pero` dak il-hin, l-imputat qabad u rriversja. Ma kienx jaf jekk l-imputat kienx ra l-*ID card.* Huwa pprova jehodlu c-cwievet mill-karozza, kellu jdejh mal-*ignition* u l-imputat irriversja. Iduna li l-imputat kien ser jirriversja ghax rah jitfa' l-*gear* fir-*reverse*. Wara l-imputat

[2] Xhieda ta' PC 706 Norman Cremona, a fol. 128 sa 129 tal-process.
[3] A fol. 22 sa 28 tal-process.

ikkalma. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi l-imputat irriversja x'hin huwa dahhal idejh fil-vettura biex jehodlu c-cavetta, qal illi huwa identifika ruhu bhala pulizija u x'hin ra li l-imputat ma kienx ser johrog mill-vettura, izda anzi dahhal ir-*reverse*, huwa prova jigbidlu c-cavetta. Qal li huwa kien pajzan, li l-karozza kienet tal-kiri u ma kinitx identifikabbli bhala karozza tal-pulizija.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2006, xehed **PC 1213 Carlos Axisa**[4] li qal illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat hareg mid-dar tieghu fil-Hamrun, saq ghal hdejn id-*Detox* u huma waqqfuh hemmhekk. Kienu hu, PC 213, PS 579 u PS 536. X'hin marru fuqu, huwa rriversja fuq il-vettura li kienu biha l-pulizija, li kienet misjuqa minn PC 213 u minn tfittxija li saret fl-istess vettura, instabet xi droga. Ma kienx hu li eleva d-droga u ghalhekk ma kienx jaf x'instab ezatt. Saret tfittxija fid-dar u wara l-imputat ittiehed id-*Depot.* Huwa qal illi x'hin l-imputat ipparkja hdejn id-*Detox*, ipparkja b'tali mod li ma setax isuq il-quddiem, izda biex johrog, kellu bilfors jirriversja. Huma marru bil-karozza warajh, jigifieri ghalqulu t-triq. Nizlu tlieta minnhom u x'hin marru mal-bieba tal-vettura tieghu, huwa beda jirriversja lura u pprova jimbotta l-vettura tal-pulizija lura xi darbtejn jew tlett darbiet. Din il-vettura kienet garrbet xi hsarat. Ix-xhud qal illi huma u javvicinaw il-karozza tal-imputat, huma qalulu biex jieqaf u li kienu pulizija, izda ghall-ewwel ma tax kazhom u kompla jirriversja gol-vettura. Qal illi r-*reverse* kien b'sahhtu. Huwa prova jitfilu l-karozza, izda din ma kinitx tintefa' bic-cavetta. Wara l-imputat tefa' l-karozza minn jeddu, saret tfittxija u nstabet xi droga x'imkien fid-*dashboard* u kienet f'xi *container* zghir. Qal illi t-tieqa tan-naha tal-imputat kienet miftuha. Huma kienu hdejn it-tieqa tieghu meta rriversja u li d-distanza bejn iz-zewg vetturi kienet zghira u mhux izjed minn zewg piedi. In kontro-ezami, rega' qal illi x'hin marru fuqu, huma qalulu li kienu pulizija, izda l-imputat irriversja mhux darba, izda xi tlett darbiet. Mistoqsi jekk urewhx xi haga biex juruh li kienu verament pulizija, qal illi huwa ma wriehx distintiv u ma rax lill-kollegi tieghu juruh distintiv.

[4] A fol. 36 sa 48 tal-process.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 213 Nicolai Borg**[5], li qal illi x'hin wasal hdejn id-*Detox*, huwa mar bil-vettura warajh u x'hin nizlu shabu mill-vettura, l-imputat induna bihom u rriversja fil-vettura tal-pulizija. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi quddiem il-post fejn ipparkja l-imputat, kien hemm hajt. Kien hemm hanut, fejn kien hemm persuni ohra li jkunu d-*Detox* li bdew jaghmlu s-sinjali lill-imputat li kien hemm huma u x'hin ghamlulu s-sinjal, hu rriversja fil-vettura tal-pulizija. Huwa kkonferma dak li gie ssuggerit lilu fis-sens illi malli huma pparkjaw u qabel ma xi hadd qal xi haga, huwa rriversja fil-vettura tal-pulizija.

Xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef**[6], li qal illi malli waslu hdejn id-*Detox*, huma waqfu ezatt wara l-imputat, hargu mill-vettura, qalulu li kienu pulizija u hu prova jirriversja. Huma ppruvaw jehdulu c-cavetta mill-*ignition*, izda l-vettura ma ntfitx u l-imputat saq ghat-tieni darba fuq il-vettura tal-pulizija. Regghu ppruvaw jitfulu l-karozza, izda mbaghad waqaf. Hemmhekk mill-vettura tieghu giet elevata kaxxa zghira li kien fiha xi tmint iqratas suspettati bl-eroina. Huwa spjega illi malli waslu huma fuq il-post, l-imputat kien ghadu qed jipparkja, huma waqfu warajh u nizlu mill-karozza, fil-waqt li x-xufier, PC 213 baqa' fil-karozza. Ix-xhud nizel min-naha tax-xufier u cioe` min-naha tal-imputat, qal lill-imputat li huma pulizija, huwa ra lill-imputat idahhal ir-*reverse* u gibed ghal fuq il-vettura taghhom. Ix-xhud stess qallu li huma kienu pulizija u l-imputat gharaf lix-xhud bhala 'Ernest'. Dwar dan in kontro-ezami, x-xhud qal illi l-imputat mhux mill-ewwel qallu hekk, li kien missier ix-xhud li jismu Ernest u li l-imputat kien isewwi l-karozza ghand missieru. Qal ukoll illi bejn vettura u ohra kien hemm inqas minn metru, li kemm hu kif ukoll il-kollegi tieghu, ppruvaw imorru ghac-cavetta tal-vettura tal-imputat u kienu xi tnejn li dahlu jdejhom mit-tieqa.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-30 ta' Awwissu 2004[7], liema stqarrija huwa ma ffirmahiex, **l-imputat** qal illi huwa ma jahdimx u meta gie mistoqsi mill-Ufficjal Investigatur dwar il-kaxxa tal-*plastic* hadra li fiha sitt pakketti zghar imgezwrin fil-*foil* li nstabet fil-vettura tieghu fil-jum ta' qabel, huwa wiegeb illi dawk il-

[5] A fol. 49 sa 53 tal-process.
[6] A fol. 54 sa 61 tal-process.
[7] A fol. 14 tal-process.

pakketti kien fihom id-droga eroina u li kienu gol-karozza tieghu biex meta jhoss il-bzonn, jiehu minnhom. Mistoqsi mbaghad ghalfejn dawn kienu mkebbin separatament la darba kienu ghall-uzu personali tieghu, huwa wiegeb illi d-droga kienet go pakketti separati ghaliex kien qata' l-labra ghall-perjodu ta' hamest ijiem u beda jahraq fuq il-*foil* u ghalhekk prepara l-pakketti biex meta tohroglu l-vina u jkun jista' jerga' jibda jittaqqab, ikun jaf ezattament x'qed jiehu. Huwa nnega li d-droga kienet qeghda ghandu sabiex ibieghha. Meta gie muri l-bott li nstab fil-kcina tar-residenza tieghu li kellu fih xi ftit trab kulur kannella, l-imputat qal illi dawk kienu tikek suwed u mhux trab u li hu qatt ma kien rah qabel u ma kienx jaf x'seta' kien fih. Qal illi huwa kien ili jabbuza mid-droga eroina mis-sena 1987.

Mistoqsi dwar il-fatt illi l-pulizija ppruvaw iwaqqfuh billi jiehdulu c-cavetta minn gol-vettura, izda huwa rrezistihom u saq il-vettura tieghu fil-vettura taghhom, huwa qal illi dan kien minnu, izda li dak il-hin huwa nhasad ghax ma kienx jaf li kienu pulizija u haseb li kien haddiehor li mar biex jithallas ghaliex ghandu d-dejn ma' xi persuni. Qal illi l-pulizija ma identifikawx ruhhom bhala tali meta avvicinawh. Qal illi marru fuqu erba' pajzana u li ma kienx ra pulizija bl-uniformi, li wiehed qabdu minn ghonqu u nduna biss li kienu pulizija meta ra lil certu Ernest li huwa jaf li hu pulizija, imbaghad innota lill-pulizija bl-uniformi. Mistoqsi ghala rriversja fuq il-vettura tal-pulizija, huwa wiegeb li zelaqlu l-*clutch* minn taht saqajh u li l-karozza ma kellhiex sinjali li kienet turi li kienet tal-pulizija.

Fis-seduta tat-28 ta' April 2006, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud**, li esebixxa r-relazzjoni tieghu[8], mil-liema jirrizulta illi fil-bott tal-*plastic* abjad fid-dokument 274/06/01 instabu tracci tas-sustanza eroina, fil-waqt illi fit-trab kannella fit-tmint iqratas tal-karti fid-dokument 274/06/02, f'ammont nett totali ta' 1.204 grammi, instabet is-sustanza eroina, b'purita` ta' cirka 31.2%. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2009, l-istess xhud xehed in kontro-ezami[9]. Huwa qal illi d-droga giet mghoddija lilu mid-Deputat Francis X. Mangion gewwa l-Qorti, li kull dokument

[8] A fol. 65 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 132 sa 136 tal-process.

kellu *label* li jaghmluhom il-membri tal-Iswadra kontra d-Droga u rrefera ghal dak indikat fil-*labels*, kif jirrizulta mir-relazzjoni tieghu stess. B'referenza ghat-tieni dokument – Dok. 274/06/02, huwa qal illi huwa sab tmint iqratas fil-borza u li dan id-dokument kien inghata lilu mid-Deputat imsemmi. Qal illi l-*labels* li semma qabel instabu minnu fil-borza u ma kitibhomx hu, li l-*labels* tad-*Drug Squad* normalment ma jkunux iffirmati, izda jkollhom biss in-numru tal-pulizija li jkun eleva. Mad-dokument, ikun hemm l-isem tal-persuna li jkun elevah, izda mhux il-persuna li tkun poggietu hemm.

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2005, xehed **John Refalo**[10], li qal illi huwa d-direttur tas-socjeta` Auto Rentals Limited, proprjetarja tal-vettura. Mistoqsi xi hsara garrbet il-vettura mislufa lill-pulizija, huwa qal li l-hsarat jammontaw ghal Lm75, il-hsarat kienu fuq quddiem tal-karozza, ftit fil-*bumper*, fanal u xibka u li ppruvaw izommu l-istima kemm jista' jkun baxxa. Il-vettura ssewwiet, izda l-kumpanija baqghet ma thallsitx. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2006, xehed **Anthony Savona**[11], in rappresentanza ta' Fogg Insurance, li qal illi rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAK 145, giet miftuha *claim* u Brian Spiteri hallas Lm45 bhala *excess*, izda l-kumpanija qatt ma giet avvicinata minn sid il-vettura sabiex issir *survey* jew biex il-vettura tigi msewwija. Qal illi l-*excess* thallas sentejn qabel.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi nhar id-29 ta' Awwissu 2004, l-imputat instab fil-pussess ta' numru ta' qratas li kien fihom trab kannella, li kienu jinsabu gewwa kaxxa tal-*plastic* hadra, fuq id-*dashboard* tal-vettura tieghu. Sussegwentement, minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu, instab bott tal-*plastic* b'xi tracci fih, suspettati eroina.

---

[10] A fol. 18 sa 21 tal-process.
[11] A fol. 113 sa 115 tal-process.

Fit-trattazzjoni taghha, id-difiza ssollevat il-punt illi fil-waqt li x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni jghidu li nstabu sitt iqratas fil-pussess tal-imputat waqt it-tfittxija li saret fil-vettura tieghu, tant li anke fl-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghal sitt pakketti, mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi d-dokument li gie moghti lilu ghall-analizi kien fil-fatt jikkontjeni tmint iqratas u li ghalhekk skond l-istess difiza, l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova illi l-qratas analizzati mill-Ispizjar Mifsud u li kienu jikkontjenu l-eroina, kienu effettivament l-istess qratas li attwalment instabu fil-pussess tal-imputat. Skond id-difiza, ma kienx hemm kontinwazzjoni ta' evidenza ghaliex dawk li bdew bhala sitt iqratas, saru tmienja biss wara li gew analizzati mill-espert forensiku.

Jibda biex jinghad illi l-imputat stess jammetti fl-istqarrija rilaxxjata minnu illi l-qratas li nstabu fil-pussess tieghu, kien fihom id-droga eroina. Fid-domanda tieghu, waqt l-interrogazzjoni, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghal kaxxa tal-plastik hadra li fiha kien hemm sitt pakketti zghar imgezwrin gewwa l-*foil* u l-imputat jammetti li dawn kienu tieghu u li kien fihom l-eroina. Ghalhekk anke a bazi tal-istqarrija biss, diga` tirrizulta ammissjoni mill-imputat ghal pussess ta' sitt iqratas li jikkontjenu l-eroina.

Issa fil-waqt illi huwa minnu illi apparti r-referenza fl-istqarrija ghal sitt iqratas, l-Ispettur Dennis Theuma (li ma kienx prezenti ghat-tfittxija) u PS 536 Jason Caruana, fix-xhieda taghhom, jirreferu ghal sitt iqratas, madankollu l-istess Spettur Dennis Theuma fl-istess xhieda tieghu, meta gie biex jipprezenta s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, jirreferi ghal kaxxa zghira tal-*plastic* ta' kulur ahdar li fiha hemm <u>madwar</u> sitt iqratas, fil-waqt li PS 579 Antoine Micallef jirreferi ghal kaxxa zghira li kien fiha xi <u>tmint iqratas</u> suspettati eroina. PS 536 Jason Caruana, fix-xhieda tieghu, jaghraf l-esebit Dok. DT 2, ipprezentat mill-Ispettur Dennis Theuma, bhala l-*plastic container* ta' kulur ahdar li gie elevat mill-vettura tal-imputat u li kien jikkontjeni l-qratas u l-bott elevat mir-residenza tal-istess imputat. Il-*label* li kienet tinsab mal-esebit mghoddi lill-Ispizjar Mario Mifsud ghall-analizi, imbaghad, kien fiha dan il-kliem – "*Data 29/8/04, Hin 6.45 AM, Elevat/i minn go karozza ta' Brian Spiteri, fil-presenza*

*ta' Brian Spiteri, minn PS 536, PC 579, 213, 1213."* Skond ir-relazzjoni tal-istess espert, l-esebit kien jikkonsisti f'borza trasparenti li fiha kien hemm kontenitur zghir tal-*plastic* ta' lewn ahdar, li kien jikkontjeni tmint iqratas tal-karti li go fihom kien hemm trab kannella. Kull qartas kien imgezwer gewwa bicca *foil*.

Apparti illi l-qratas kif misjuba mill-Ispizjar Mario Mifsud kienu jinsabu go kontenitur tal-*plastic* ta' lewn ahdar, u cioe` ghalhekk kontenitur bl-istess deskrizzjoni moghtija minn PS 536 Jason Caruana fix-xhieda tieghu, liema deskrizzjoni tirrizulta anke mid-domandi tal-Ufficjal Invesigatur matul l-interrogazzjoni, l-informazzjoni ndikata fuq il-*label* li kienet takkumpanja l-esebit tikkombacja perfettament ma' dak li sehh, skond il-provi mressqa, meta gie elevat il-kontenitur mill-vettura tal-imputat ossia illi dan gie elevat mill-vettura tal-imputat, fil-presenza tieghu, mill-Ufficjali li kienu prezenti waqt it-tfittxija – u li fil-fatt xehdu lkoll f'dawn il-proceduri u ghalhekk jirrizulta li verament kienu dawn l-ufficjali li kienu prezenti ghat-tfittxija in kwistjoni – u li dan sehh fid-29 ta' Awwissu 2004, ghall-habta tas-6.45 a.m., liema hin ukoll jikkombacja ma' dak li xehdu l-ufficjali involuti.[12] In oltre d-deskrizzjoni ta' dak li gie elevat mill-vettura tal-imputat, kif tirrizulta mill-interrogazzjoni tieghu u cioe` li l-qratas kienu mgezwrin fil-*foil*, tikkombacja wkoll mad-deskrizzjoni moghtija mill-espert forensiku fis-sens illi kull qartas kien imgezwer gewwa bicca *foil.*

Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-qratas li gew analizzati mill-espert forensiku kienu l-istess qratas li nstabu fil-vettura tal-imputat fil-jum in kwistjoni.

Stabbilit dan, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina.

[12] L-Ispettur Dennis Theuma, fix-xhieda tieghu, jghid illi l-ufficjali nvoluti nghataw struzzjonijiet sabiex isegwu lill-imputat fis-sighat bikrin ta' filghodu, PS536 Jason Caruana jindika l-hin li fih raw lill-imputat bhala "*ghall-habta tas-7.00 am*", PC 213 Nikolai Borg jghid li "*filghodu kmieni*" l-imputat hareg mir-residenza tieghu u PS 579 Antoine Micallef jirreferi "*ghall-habta tas-7.00 am*" bhala l-hin li twaqqaf l-imputat hdejn id-*Detox*.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Jirrizulta mill-provi mressqa illi fil-jum in kwistjoni, kmieni fil-ghodu, l-imputat hareg mid-dar tieghu gewwa l-Hamrun, saq lejn id-*Detox* u pparkja l-vettura tieghu hdejn id-*Detox Centre.* Fil-pussess tieghu ossia fil-vettura misjuqa minnu nstabu tmint iqratas bl-eroina, maqsumin bis-segwenti mod:- 0.140g, 0.151g, 0.137g, 0.131g, 0.177g, 0.153g, 0.161g u 0.154g – ammontanti ghall-piz totali ta' 1.204 grammi.

Issa ghalkemm kif tajjeb qalet il-Prosekuzzjoni, fit-trattazzjoni finali taghha, ma nstab xejn la fil-pussess tal-imputat u lanqas fir-residenza tieghu, ghajr bott tal-*plastic* bit-tracci tal-eroina, li juri illi l-imputat kien jabbuza minn din id-droga u li jista' jikkorrobora dak li stqarr l-istess imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, fis-sens illi huwa kellu l-vizzju tad-droga u li kien ilu jabbuza mid-droga eroina mis-sena 1987, mis-*Social Inquiry Report* ipprezentat mill-***Probation Officer*** **Carmen Nygaard** u mix-xhieda taghha[13], jirrizulta ampjament illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina. Biss ghalkemm fit-trattazzjoni taghha, id-difiza tghid illi l-imputat kien jiehu l-*methadone* fiz-zmien in kwistjoni u li kien "*a registered drug addict*" ma' Dr. George Grech u li ghalhekk din kienet ir-raguni ghaliex huwa kien jinsab hdejn id-*Detox Centre* dakinhar, minn imkien ma jirrizulta mill-provi prodotti – lanqas mis-*Social Inquiry Report* – illi f'dan iz-zmien l-imputat kien jiehu l-*methadone* jew illi dakinhar, huwa kien sejjer id-*Detox Centre* sabiex jiehu l-*methadone.* L-imputat ma qal xejn minn dan kollu fl-istqarrija rilaxxjata minnu. In oltre mix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*[14], jirrizulta li l-imputat kien jiehu l-*methadone* u d-droga fuqha u ghalhekk hi ssuggerietlu li jzid id-doza tal-*methadone* – dan madankollu b'referenza ghaz-zmien li fih gie redatt is-*Social Inquiry Report* u cioe` bejn it-22 ta' Gunju 2009 (id-data li fiha l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza ssabiex isir l-imsemmi rapport dwar l-imputat) u l-20 ta' Novembru 2009 ossia d-data meta gie pprezentat l-istess rapport mill-Ufficjal tal-*Probation.* Min-naha l-ohra l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghas-sena 2004 ossia hames snin qabel. Ghaldaqstant, fil-waqt illi l-Qorti temmen illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni, madankollu, mill-atti ma jirrizultax, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi l-imputat kien jiehu l-*methadone* matul dan iz-zmien, kif lanqas ma jirrizulta illi dakinhar, huwa kien fi triqtu lejn id-*Detox* sabiex jiehu l-*methadone.*

Il-Qorti tqis illi huwa ferm sinjifikanti illi l-imputat instab fil-pussess ta' tmint iqratas – b'piz totali li ma jistax jinghad li kien wiehed negligibbli – u li l-pizijiet tal-qratas kienu vicin hafna ta' xulxin. Tqis ukoll illi minkejja li l-imputat kien jabbuza mid-droga eroina u jghid fl-istqarrija tieghu, illi l-qratas kienu fil-vettura tieghu sabiex meta jhoss il-bzonn jiehu minnhom, ma kien hemm l-

[13] A fol. 140 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 140 tal-process.

ebda raguni ghaliex kellu joqghod izommhom kollha fuqu u jigri bihom, specjalment meta kien ghadu hiereg mid-dar dak il-hin stess u ghalhekk ma jistax jinghad, per ezempju, li kien ghadu kif xtrahom.[15] Il-Qorti lanqas ma tqis attendibbli l-ispjegazzjoni li offra l-imputat fl-istqarrija tieghu ghaliex kien qasam id-droga f'pakketti separati. Imbaghad, terga' u tghid, l-imputat instab fil-pussess ta' dawn il-qratas hdejn id-*Detox Centre* li certament huwa post ferm sensittiv fejn jidhol l-ispacc tad-droga. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti, illi wahda mic-cirkostanzi li tista' tiddetermina li l-pussess m'huwiex ghall-uzu esklussiv, apparti l-ammont u cirkostanzi ohrajn, hija wkoll il-lokalita` fejn tinstab id-droga u zgur illi l-vicinanzi tac-Centru tad-*Detox* ma jaghtu ebda konfort.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' April 2008, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Frendo</u>**, fejn inghad hekk dwar cirkostanzi kwazi identici ghal dawk in ezami:

"*… din il-Qorti taqbel ukoll mall-Ewwel Qorti li huwa sinifikanti li nstabu tmin boroz li d-daqs taghhom hu kwazi ezatt u li kienu jikkontjenu l-eroina w dan f' post sensittiv hafna w cioe' proprju vicin id-Detox Centre. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tara li ma kienx hemm raguni ghala l-appellant kellu joqghod jigri barra bi tmin sachets proprju qrib id-Detox Centre fejn hu risaput li tant zaghzagh li ghandhom il-vizzju tad-droga jmorru ghall-kura. Ghalhekk anki hawn l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w cioe' li c- cirkostanzi kienu tali li jindikaw li dak il-pussess tad-droga eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.*"

Din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, il-mod kif kienet maqsuma, in-numru ta' pakketti, kif ukoll l-ammont tad-droga involuta u s-sejba ta' din id-droga fil-vettura tal-imputat hdejn id-*Detox Centre* iwasslu

[15] Dwar il-guvni li waqaf ikellem hu u tiela` t-telgha ta' Gwardamangia, l-imputat jghid li dan sempliciment tah xi flus li kien ghadu kif sellfu l-istess imputat fil-jum ta' qabel.

lill-Qorti sal-konvinciment morali illi tali cirkostanzi jindikaw illi d-droga eroina in kwistjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Jigi rilevat ukoll illi kif inghad izjed il'fuq, l-imputat ammetta ghall-pussess ta' sitt iqratas bl-eroina. Ghalkemm kif inghad ukoll, ghar-ragunijiet fuq esposti, il-Qorti hija moralment konvinta illi fil-fatt il-qratas misjuba fil-pussess tal-imputat kienu tmienja u mhux sitta, biss il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-paragrafu ta' qabel dan, japplikaw bl-istess mod, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghal sitt iqratas eroina li l-imputat ammetta li kienu fil-pussess tieghu.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza u dan ai termini tat-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti, **il-Perit Alexei Pace**[16], id-*Detox Centre*, fi pjazza San Luqa, Gwardamangia (Pieta`), jinsab gewwa distanza ta' mitt metru mill-post fejn instabet id-droga fil-pussess tal-imputat u li l-istess *Detox Centre* fil-fatt qieghed f'distanza diretta ta' hamsin metru punt disgha (50.9m) mill-imsemmi post.

Ghalhekk il-post fejn waqaf l-imputat bil-vettura tieghu huwa entru l-perimetru stabbilit mil-ligi sabiex jissussisti dan l-aggravju.

[16] A fol. 94 *et seq* tal-process.

Kif intqal fis-sentenza fuq citata, **Il-Pulizija vs Anthony Frendo**, fil-kuntest tal-istess aggravju li qed jigi kkunsidrat minn din il-Qorti:

*"Hu ovvju wkoll li fid-Detox Centre jkun hemm persuni ta' kull eta`, imma l-aktar ta' eta` zaghzugha, li jattendu regolarment biex jigbru d-doza taghhom tal-methadone w jircievu trattament ghall-vizzju taghhom. Hu risaput ukoll mill-kazistika li f'dak il-post ta' sikwiet jkunu jhufu l-pushers ghax jafu li jkun hemm suq tajjeb ghall-prodott li jkunu qed jittraffikaw u dawn regolarment jitressqu quddiem il-Qrati w jinstabu hatja. Ghalhekk ma hemmx dubju f'mohh din il-Qorti li fl-agwati tad-Detox Centre jiltaqghu z-zaghzagh meta jkunu l-aktar vulnerabbli w identifikabbli bhala tali minn dawk li jkunu jridu jittraffikaw id-droga. Ergo dan hu post fejn jiltaqghu z- zaghzagh u, b' mod aktar pronunzjat minn kull post iehor, fejn l-istess zaghzagh ikunu l-aktar vulnerabbli."*

Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dan. Ghaldaqstant, qed issib lill-imputat hati wkoll ta' dan l-aggravju.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll dwar hsara volontarja u dan fir-rigward ta' vettura tat-tip Subaru J10 bin-numru ta' registrazzjoni DAK 148, proprjeta` tal-kumpanija Autorentals Co. Ltd.

Jirrizulta car illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat ikkawza hsara fil-vettura li kienet qeghda tigi misjuqa mill-pulizija. Biss mill-provi prodotti u specifikatament mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma u ta' PS 536 Jason Caruana, jirrizulta illi l-vettura li kienet qeghda tigi misjuqa mill-pulizija dakinhar u li garrbet il-hsara

bl-azzjoni tal-imputat, ma kinitx il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAK 148, kif indikat fit-tielet imputazzjoni, izda dik bin-numru ta' registrazzjoni DAK 149.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda talba sabiex issir xi korrezzjoni fic-citazzjoni odjerna. Ghaldaqstant it-tielet imputazzjoni, kif dedotta kontra l-imputat, ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 19 ta' Novembru 1999, permezz ta' liema sentenza, l-imputat inghata sentenza ta' sentejn prigunerija.

Kopja vera ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999, fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Joseph Valletta) kontra Brian Spiteri,* giet esebita a fol. 15 *et seq* tal-process. Ghalkemm mis-sentenza msemmija ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputat, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2008, xehed **l-Ex-Supretendent Joseph Valletta**[17] li kkonferma illi fir-rigward tas-sentenza in kwistjoni, kien huwa stess li kien investiga u ressaq lil Brian Spiteri u gharaf lill-imsemmi Spiteri bhala l-imputat odjern.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena</u>**

[17] A fol. 126 u 127 tal-process.

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku, pussess semplici ta' droga eroina, attentat ta' serq, hsara volontarja u serq aggravat.

Qieset ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' tmint iqratas bi droga eroina f'piz nett totali ta' 1.204 grammi u purita` ta' cirka 31.2% u dan fil-vicinanzi tac-Centru tad-*Detox.*

Qieset in oltre mill-banda l-ohra, is-*Social Inquiry Report* dwar l-imputat, mil-liema jirrizulta illi l-imputat kien ilu jabbuza mid-droga minn meta kellu sbatax-il sena – l-ewwel beda jabbuza mill-*cannabis* u ta' ghoxrin sena beda jabbuza mill-eroina. Ghalkemm kemm il-darba fittex l-ghajnuna mal-Agenzija Caritas u anke ghamel programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fis-sena 1991, huwa ma rnexxielhux itemm dan il-programm u wara, ghalkemm ghamel xi xhur *clean*, rega' waqa' fil-vizzju. Fiz-zmien li gie mhejji r-rapport, ossia bejn Gunju u November 2009, l-imputat beda jattendi laqghat ma' *care worker* gewwa l-Agenzija Caritas sabiex jindirizza l-problema tad-droga u dan fuq suggeriment tal-Ufficjal tal-*Probation* li giet inkarigata biex thejji r-rapport. Dr. George Grech informa lill-istess Ufficjal illi l-imputat kien halla kampjun tal-urina fil-31 ta' Ottubru 2009, liema kampjun kien hieles minn kull sustanza llegali. Skond il-*care worker* l-imputat kellu tlett appuntament maghha f'Novembru 2009, ghal-liema appuntamenti huwa dejjem attenda u ghalkemm kien ghadu kmieni wisq sabiex tistabilixxi jekk l-imputat kienx lest li jsegwi l-kura bis-serjeta`, hija sostniet illi l-attitudni tal-istess imputat waqt is-sessjonijiet mizmuma kienet tajba hafna. Minkejja li kellu l-problema tad-droga, l-imputat dejjem fittex li jahdem *full-time*, u fiz-zmien li gie redatt ir-rapport, huwa attenda u temm b'success kors ta' *port worker*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni *proviso* ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni (a), tal-aggravju tad-distanza (indikat bhala imputazzjoni (b)) u tal-addebitu tar-recidiva (indikat bhala imputazzjoni (d)) u fil-waqt illi ma ssibux hati tal-imputazzjoni (c) u tilliberah minnha, tikkundannah ghall-piena ta’ **tnax (12)-il xahar prigunerija effettiva** u **multa ta’ elf Euro** (**€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti m’hijiex tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi fiz-zmien tar-reat odjern, qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005, l-imsemmi Artikolu 533 kien jirrikjedi illi ssir talba ghall-hlas tal-ispejjez mill-Prosekuzzjoni, liema talba ma tirrizultax.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------